20 ta' Ottubru, 1950

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Francesco Grima pr. et ne. *versus* Emmanuele Camilleri ne.**

**Appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re — Valur Appellabbli — Interessi — Order-in-Council tal-22 ta' Novembru 1909 — Art. 766 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

***Billi l-Order-in-Council li jirregola l-appelli mill-Qrati ta' dawn il-Gżejjer quddiem il-Maestà Tiegħu r-Re ma jistabbilixxix il-mod kif għandu jiġi kalkulat il-valur ta' l-oġġett tal-kawża, għandhom jiġu applikati r-regoli tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u skond dawna r-regoli, mhiex jiġi determinat il-valur ta' l-oġġett li fuqu jkun hemm kwistjoni, ma għandux jittieħed qies tal-frottijiet, taż-żieda b'aċċessjoni, tad-danni, jew ta' l-imgħaxijiet li jkun hemm matul il-kawża.***

***Għalhekk, jekk il-valur reklamat biċ-ċitazzjoni ma jammontax għal £500, ma jistax isir appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re fuq ir-raġuni tal-valur, avvolja s-somma mitluba taqbeż il-£500 meta jiġu miżjuda l-imgħaxijiet li jkunu ddekorrew matul il-kawża.***

Il-Qorti — Rat il-petizzjoni tal-konvenut nomine, li qal li b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tar-Re l-attur, wara li ppremetta li hu kien ordna minn għand il-konvenut 100 kaxxa kunserva tat-tadam "Elmetto", bil-prezz komplessiv ta' £442, bil-kondizzjoni li tkun bħall-kampjun li ġie muri lilu mill-konvenut; u li fil-25 ta' Marzu 1947 l-attur irtira minn għand il-konvenut l-imsemmija kaxxi mingħajr ma fetaħhom; li meta l-attur fetaħ il-kaxxi sab li l-laned kienu kollha msadda minn barra u minn ġewwa, u l-kunserva, flok tat-tadam kienet tal-ħaxixa, togħma ħażina, tant li ħadd ma ried jixtriha; illi l-konvenut, interpellat bi protest tad-29 ta' Marzu 1947 biex jirtira lura l-kaxxi fuq indikati u jirrestitwixxi l-prezz imħallas mill-attur, ma riedx, u rrisponda b'kontroprotest tal-1 ta' April 1947, u l-attur iddepożita l-merkanzija taħt l-awtorità ta' l-Ewwel Qorti biex jeżimi ruħu minn kwalunkwe responsabilità; u għalhekk talab li, previja, jekk ikun hemm bżonn, ir-

rexissjoni tal-bejgh, jiġi dikjarat u deċiż li l-kunserva konsenjata lilu mhix konformi bħall-kampjun, tat-tadam, għandha togħma ħażina u mhix tajba għall-ikel; u li l-konvenut jiġi kundannat jirtira l-100 kaxxa konsenjati u depożitati kif ingħad fuq, u j'rrestitwixxi l-prezz ta' £442, prezz imħallas lill-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tad-29 ta' Marzu 1947 u tad-depożitu tal-15 ta' April 1947, u bl-imgħax kummerċjali mill-ġurnata tal-ħlas sar-restituzzjoni tal-prezz;

*Omissis;*

Li l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, b'sentenza tal-25 ta' Ġunju 1949, iddeċidiet il-kawża billi pprovdiet l-ewwel domanda fis-sens li ddikjarat li l-kunserva kienet ta' togħma ħażina mhix aċċettabili fuq is-suq lokali, u fl-istat li kienet mhix merkantibili għall-ikel, u akkoljiet it-tieni domanda; bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Illi din il-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza tat-2 ta' Ġunju 1950, iddikjarat u ddeċidiet illi l-kunserva in kwistjoni mhix konformi għall-kampjun, għandha togħma ħażina u mhix merkantibili għall-ikel, u f'dan is-sens irriformat id-dikjarazzjoni tas-sentenza appellata dwar l-ewwel domanda miġjuba biċ-ċitazzjoni, u kkonfermat dik is-sentenza għall-kumplament, bl-ispejjeż ta' dina l-istanza kontra l-konvenut appellant, u biss fis-sens fuq imsemmi rriformat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fil-25 ta' Ġunju 1949, u respinġiet l-appell tal-konvenut;.

Rat il-petizzjoni tal-konvenut, fejn, wara li sottometta li l-valur in kwistjoni jammonta għal £500 jew iżjed, talab il-permess biex jappella quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà tar-Re;

Semgħet id-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-Order-in-Council li jirregola l-appelli mill-qrati ta' dawn il-Gżejjer quddiem il-Maestà Tiegħu r-Re, hemm appell meta l-ammont involut huwa ta' £500 jew iżjed;

Illi, kif jidher mill-istess att taċ-ċitazzjoni, il-prezz tal-merkanzija li tifforma l-oġġett ta' dina l-kawża huwa taħt il-£500, vwoldiri £442;

Illi l-konvenut isostni li għall-finijiet ta' l-Appell quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tiegħu r-

Re għandu jiġi meħud in konsiderazzjoni mhux biss il-prezz reklamat biċ-ċitazzjoni, iżda anki l-ingħax bl-istess ċitazzjoni mitlubin;

Illi, kif ġie ħafna drabi deċiż minn din il-Qorti (2. 10. 31 in re "Spiteri Debono vs. Darmanin", 23. 6. 33 "Caruana Gatto vs. Naudi", 22. 2. 1915, "Huber vs. Mattei" Vol. XXII—II—229; 9. 6. 1869 "Luke vs. Scicluna"; 26. 6. 1872 "Sant Cassia vs. Dr. Frendo"; 7. 11. 1874 "Vallone vs. Nicosia"), billi bl-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909 ma ġiex stabbilit il-mod kif għandu jiġi kalkulat il-valur ta' l-oġġett fil-kawża, għandhom jiġu applikati r-regoli stabbiliti mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi skond l-art. 766 ta' l-imsemmi Kodiċi, sabiex jiġi determinat il-valur ta' l-oġġett li fuqu jkun hemm il-kwistjoni, ma għandu qatt jittieħed qies tal-frottijiet, taż-żieda b'aċċessjoni, tad-danni, jew ta' l-ingħaxijiet li jkun hemm ma' tul il-kawża. Dana l-prinċipju, kif jista' jiġi argumentat, ġie adottat minn dina l-Qorti fil-11 ta' Ġunju 1954, in re "Bellini vs. Rizzo";

Illi l-prezz mitlub biċ-ċitazzjoni u l-ingħaxijiet sal-preżentazzjoni tagħha, ma jgibx is-somma ta' £500;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi t-talba, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.

---